**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Massimo Borg**

**Appell Nru: 7779/2023**

**<u>Illum, 17 ta' Ottubru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Massimo Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija 0529695M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' Novembru, 2023 ghall-habta ta' 08.15hours, gewwa Triq Brared, B' Kara u f dawn il-Gzejjer, Maltin.

1. Attakka jew irrezista bi vjolenza, ufficjal tal-komunita' u cioe' lil CO 663 Matthew Micallef, waqt il-qadi ta' dmirijletu taht dan l-Att;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe' il CO663 Matthew Micallef, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-

ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond Il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;

3. Volontarjamnet qal kliem oxxdn li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Mejju 2024, fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha odjerni, u kkundannatu ghal-sitt xhur prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien sena, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (EUR 4,000) .

Rat ukoll li l-ewwel Qorti imponiet garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, fil-konfront tal-allegat vittma ghal zmien sena, taht garanzija personali ta' elfejn ewro (EUR 2,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Massimo Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Mejju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Jogghobha tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati u tghaddi sabiex tillibera l-appellant minn kull akkuza, u altrimenti se mai l-ewwel aggravju jigi michud, din l-Onorabbli Qorti tvarja il-piena inflitta ghall-wahda aktar gusta.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. **L-Aqwa prova hija mankanti**

Illi huwa principju ben assodat fil-ligi penali taghna illi l-prosekuzzjoni għandha tipprezenta kull prova kemm favur kif ukoll kontra l-akkuzat.

Illi di piu' il- principju kardinali jiddetta illi ghandha tingieb l-aqwa prova fil-konfront tal-akkuzat, stante illi I-Qorti b' hekk b' mod seren ghandha tasal sabiex tiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar kredibbli u l-eqreb ghall-verita.

Illi mill-provi prodotti waqt il-mori tal-kawza emerga, illi l-argument kollu kien inqabad fuq filmat tac-CCTV li ma giex pprezentat u kkonfermat minn min elevahom. Illi tenut kont illi din I-prova kienet l-aqwa wahda li kellha il-prosekuzzjoni sabiex tipprova il-kaz taghha, kif ukoll illi minghajr raguni valida ma gietx pprezentata, I-appellant hass ruhu aggravat meta din I-Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni ta' htija.

Illi ghalkemm il-verzjoni tal-*parte civile* setghat taghti stampa ta' x" setgha gara dakinhar tal-akkadut, zgur illi kieku il-Qorti setghat tiehu in konsiderazzjoni dawn il-filmati, kienet tasal ghal sentenza meqjusha bhala *safe and satisfactory.*

Illi n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipprezenta l-allegati CDs, fil-procedura skond ir-regoli ta' *Chain of Custody of evidence*, m' ghandux ibghati ghalih l-appellant.

Illi dan l-aggravju huwa strettament limitat ghall-piena.

Illi l-appellant ihoss illi l-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' dik ta' senetnza sospiza u multa ta' erbat elef ewro (EUR4,000), ma kienitx tirrispekkja il- fatti tal-kaz odjern.

Illi strettament minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li tichad l-ewwel appell, din ghandha tikkunsidra tinflingi piena aktar ekwa u gusta.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet maghmula quddiemha nhar l-10 ta' Settembru, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Jinghad li fl-ewwel aggravju tal-appellant, jinghad li l-pulizija naqset li tressaq l-ahajr prova u dan ghaliex hija obbligata tressaq il-provi kemm favur kif ukoll kontra. Dan qed jinghad ghaliex l-pulizija naqset li tesebixx l-filmat li qabad l-incident. Jghid ukoll li ic-CD li gie esebit ma giex konfermat minn l-awtur tieghu u ghalhekk ma ghandux jiqies bhal aprova ammissibli u skond il-ligi

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li hija qrat bir-reqqa l-atti proċesswali kollha minn liema jirriżulta li l-appellant għandu raġun li ma tirriżultax il-katina tal-provi neċessarja sabiex hija (din il-Qorti) tkun tista' isserraħ fuq il-filmat. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Mc Kay** (Numru 1/2022) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *"32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita' probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-chain of custody huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita', u kontinwita' tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta' kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ppreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.*
>
> *33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfat qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu jkunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent*

*ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża bħala evidenza fil-Qorti.*

*[...]*

*37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza.*

*Dan kien mistqarr fid- deċiżjoni **<u>People v. Connelly</u>**[1] fejn intqal is-segwenti b'referenza għar-regola tac- 'chain of custody': "When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.""*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ b'dan illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti mhux ser tqis il-filmat in kwistjoni.

Jinghad pero dwar provi li ma hiex kwistjoni ta' kwantita ta' xhieda li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha izda il-kwalita.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et</u>** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

*"11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi*

[1] "35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.

*Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija."*

Illi tajjeb jiġi mfakkar li Qorti tista' tkun selettiva f'dak li temmen mill-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda li jitressqu quddiemha. Minbarra dan kif inhu ormai stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana mhux kull kunflitt fil-provi għandu jmur a favur tal-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

*"5. […] L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat li mhux konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja u għamlet referenza għall-ġurisprudenza in rigward. Iżżid din il-Qorti tosserva illi kif kostantament ritenut l-ewwel Qorti kienet korretta in rigward. Għaliex "mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għalliberazzjoni tal-persuna akkużat. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux" (ara **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** App Krim 9.07.2003 **u Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et** Qrt Krimi. 19.10.2006). Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-parte civile, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."*

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa x-xhieda prodotta u cioe is-segwenti:-

Rat ix-xhieda ta' **PS 1261 Manuel Decelis** fejn stqarr li nhar it-Tnejn 6 ta' Novembru, 2023 kien ordnat sabiex jahdem gewwa l-ghassa ta' B'kara bejn is-06.00 u is-18.00 fejn ghal habta ta' 08.15am dahlet telefonata mill-kamra tal-kontrol tal-pulizija b'informazzjoni li kien hemm persuna maskili li mess ufficjal tal-Lesa li jinsab gewwa

Triq Braret, B'kara. Dak il-hin ghamel kuntatt mal-kamra tal-kontrol fejn talab sabiex tintbaghat Unit tal-RIU fuq il-post.

Ghal habta tat-08.30 rraporta fuq il-post fejn gie mitkellem l-ufficcjal tal-Lesa C.O 663 fejn stqarr li kien mar sabiex jigbed l-attenzjoni tas-sewwieq tax-xufier tal-vettura Toyota li ghandha n-numru tar-registrazzjoni KCD – 353 fejn dan beda jghid kliem oxxen u jghajjat, gie ma wiccu mbuttah u waqqalu l-mowbajl tieghu personali fl-art u kissirlu l-iscreen.

Dak il-hin ghall-habta tat-08.30 infurma lix-xuffier li kien qed jaghmel uzu mill-imsemmija vettura li kien jinsab taht arrest, bir-raguni li kien mess ufficcjal tal-Lesa bi dritt tal-avukat u bid-dritt ta' skiet u gie skortat gewwa l-ghassa ta' B'kara minn PC 244 u PC24445 tat-taqsima RIU.

La darba kien l-ghassa gie moghti l-*letter of rights* u minkejja li nghata d-drittijiet tieghu dan wiegeb li kien lest li ighati l-versjoni tieghu ta' dak li kien gara. Dan qal ex admisses: -

*'gejt minn Triq Brared, B'kara sabiex inwassal it-tfal ghall-iskola, ftaht il-bieba tieghi u ftaht ukoll il-bieba ta' wara sabiex inkun nista innizel it-tfal. Dak il-hin gie fuqi il-warden sabiex jaghtini citazzjoni u qalli suq minn hawn issa. Dak il-hin kien ghed lil warden li kont ser innizel it-tfal kif bdew jghamlu l-genituri l-ohra hu gi ma wicci. Dak il-hin ghetlu x'int taghmel? Fejn dak il-hin il-warden beda jghidli sawwatni, ejja sawatni, ejja aghtini. Dak il-hin ghetlu x'int taghmel qed twerwirli t-tfal, fejn it-tifala l-kbira bdiet tibki dak il-hin u ghetlu taghmillix kummidji quddiem it-tfal peres li beda iwerwirli t-tfal u kif ukoll beda jipprovokani."*

L-imputat zied jghid li l-warden qallu li ma kienx jinteressah u beda jghidlu '*aghtini aghtini*' u dak il-hin qallu biex imur 'l hemm. Dar dawra mal-karozza biex inehhilu l-basktijiet u l-*warden* baqa' miexi warajh u baqa' jghidlu l-kliem '*ejja, ejja*'. Sahansitra harget il-*headmistress* tal-iskola u haditlu l-basktijiet tat-tfal sabiex jitlaq 'l hemm u zgur ma jibqax jaqbad mieghu izda dan kien kollu ghal xejn ghaliex il-*warden* baqa' jinsisti biex isawtu u jghidlu '*issa nirrangak, issa nirrangak*'. Dak il-hin staqsih x'kellu jirrangalu u l-*warden* hareg il-mowbajl biex icempel ghall-assistenza u qabad u waqqalu l-mowbajl minn idejh.

Staqsa lill-imputat jekk f'xi hin kienx imbotta lill-ufficjal tal-Lesa fejn dak il-hin stqarr u jikkwota "*Darba, perss li ma hallinix niftah il-bieba tal-karozza sabiex inkun nista niehu l-basktijiet.*"

Staqsa ukoll lill-imputat jekk f'xi hin ukoll kienx qal lill-ufficcjal tal-Lesa li jekk kien ser igib il-pulizija ha jsibu fejn hu stqarr '*le anzi ghetlu gibhomn li pulizija. Jien ghetlu ha ntifttxek biex nghid lill-pulizija bik, u ara kemm huwa veru lanqas lit-tifla ma irid indahhal l-iskola sabiex tghidilhom hija ukoll x'gara.*"

Meta l-imputat gie mistoqsi jekk iridx izid xi haga ma dan ir-rapport hu stqarr 'it-tifla tieghi ta' seba' snin kienet hdejja meta beda jigi ma wicci l-warden' u ma jafx jekk imbuttahiex ukoll u b'hekk beda jara id-dlam. Qal ukoll li kemm it-tifla tieghu barra l-ghassa flimkien ma' ommha u xtaq li taghti l-verzjoni taghha.

Ix-xhud tkellem ukoll mat-tifla tal-imputat certu Sanisha Borg Edwards fil-presenza ta' missierha fejn meta giet mistoqsija x'kien gara din stqarret u jikkwota "il-*warden gie equddiem wicc d-daddy u beda jghidlu sawwatni, sawwatni imbaghad il-warden cempel lill-pulizija. Kif il-warden kien ha itih citazzjoi ghax ma kellu mera, imbaghad il-warden beda jghajjat mad-daddy imbagahd nahseb li daqshekk.*"

Meta Sanisha giet mistoqsija jekk xi hadd kienx qalilha x'ghandha tghid lill-pulizija hija wiegbet fin-negattiv.

Huwa ghamel kuntatt ma' CO 663 fejn gie mitlub biex jirraporta gewwa l-ghassa ta' B'kara sabiex jaghti l-verzjoni rigward dan ir-rapport. Ghal habta tad-9.10 a.m rraporta gewwa l-ghassa ta' B'kara CO 663 Matthew Micallef. Dan ex admiss jghid "*Bejn it-08.00 a.m u id-09.00 a.m kien ordnat biex jaghlaq it-triq minhabba l-iskola tal-kullegg Santa Teresa fejn ghall-habta ta' 08.15 a.m waqt li kont gewwa Triq Braret B'kara giet din il-vettura tal-ghamla Toyota ta' lewn blu fejn kien hemm persuna maskili inizzel lit-tfal fejn jien dak il-hin gbidtlu l-attensjoni ghax il-mirja tal-gnub ma kellux u malli kont qed nirranga x'noti fuq il-PDA tax-xoghol, fuq citazzonijiet li kont tajt qabel l-imsemmija xufier haseb li ha natih citazzjoni u beda jgholli lehnu mieghi, jghid kliem oxen u jsemmi id-duluri u l-Alla li sta ta l-istaff u ta' l-iskola u kif ukoll tal-parents li bdew iwaqfuh sabiex ma jibqax jidghi minhabba it-tfal.*"

CO 663 kompla jghid li beda isiktu u beda jghidlu sabiex ma jkomplix jidghi fejn dak il-hin infurmah li jekk irid li jharku, jharku peress li kien xoghol izda ma kienx ser iharku hlif li gibidlu l-attenzjoni. Dak il-hin baqa' jidghi u kif kien ser icempel ghall-assistenza tal-pulzija dik il-persuna giet ma wiccu, tghajjarlu l-mowbajl u qallu '*f……. kemm ghandek, f… ommok u f… il-mejtin li ghandek."*

Dak il-hin imbuttah u qallu sabiex ma jerfax idu fuqu. Dak il-hin l-imputat qallu li jaghmel l-arja ghax bl-uniformi u li kien ser idahhal it-tfal l-iskola u jirrangah ghal frisk. Qallu l-kliem '*thallinix fejn narak ghax ser insibek zgur Alla.'*

Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li kien mejjet bil-guh u beda jinflluwenza lin-nies li bdew gejjen biex iduru kontrih u beda jghid li hu pulcinell ghaliex jghati ic-citazzjonijiet ghal xejn u li kien ser ireddahulhom jekk jaqbzu ghalih. Meta rah icempel ghall-assitenza dan qallu li ma kienx ser jibza mill-pulizija u '*jbusulu l-ba...*' u li mdorri bil-pulizija

Ix-xhud qal ukoll li waqt li kien barra l-ghassa kien hemm hu l-imputat u qallu li kien Omar u qallu li jahdem ma' tat-tattoos u jixtieq li jikkalma l-argument u qallu daqs kemm ghandek xhieda hu ghandu huh u ha tinqata' kontrih il-kawza u jista' jitlef xoghlu biex ma joqghodux ikabruha u jmorru quddiem il-pulizija u jiedhu b'idejn xulxin qisu ma gara xejn.

Nhar is-6 ta' Novembru, 2023 ghall-habta tas-13.00 irraporta gewwa l-iskola ta' St Theresa College, B'kara primary fejn gie mitkellem is-*security* certu Theresa Sammut fejn meta giet mistqosija x'kien gara kmieni dakinhar ghall-habta tat-08.15 a.m stqarret li kienet mohha fit-tfal u ma tafx ezattament x'gara. Li taf biss li semghet xi storbju u dagha, il-bqija ma tafx x'kien gara.

Staqsa lis-sinjura Sammut min kien hemm maghha fuq barra fejn stqarret li hija l-Assistant Head certa Maria Costa. Meta din giet mistoqsija x'kien gara nhar is-6 ta' Novembru 2023 ghall-habta tat-08.15a.m stqarret '*smajt lehen maskili jidghi izda ma nafx x';kien l-imsemmi argument.' Mi*stqosija jekk kienitx giet mitluba sabiex tiehu l-basket tat-tfal tghid li kien hemm hafna konfuzjoni u ghalhekk ma tiftakax x'kien gara. Tghid li kemm hi kif ukoll il-membri tas-Security kienu mix-xatba il-gewwa ta' l-iskola u fl-

ebda hin ma kienux fit-triq. Tkellem ukoll mas-surmast Ainsley Cassar u meta gie mistoqsi dwar ic-CCTV li hemm mal-iskola imsemmija hu stqarr li ma kienx jaf jekk tahdimx peress li l-monitor kellu xi hsarat. Jghid li osserva CCTV ohra mal-iskola li setghet tkun ta' ghajnuna ma din l-investigazzjoni u s-sur Cassar stqarr li tappartjeni lil Kunsill Lokali ta' B'kara. Kien hemm CCTV mar-residenza 127, Gloxina, Triq Braret, B'kara li setghet tghin fl-investigazzjoni izda meta mar ihabbat mal-bieb ma fetah hadd.

Nhar is-7 ta' Novembru 2023 ghall-habta tas-19.00 gie mitkellem sid il-fond 127, Triq Brared, B'kara certu Thomas Pace u meta gie mistoqsi dwar ic-CCTV li ghandu mal-bieb qal li kien jahdem u ghalhekk qallu sabiex jiccekjah. Is-sur Pace qallu li kellu access minn fuq il-mowbajl fejn il-pulizija iccekjat il-hin data u fejn dan irrizulta li l-hin attwali huwa 19.03 u fuq ic-CCTV kien 20.02pm. B'hekk intbaghtet email fuq 'photofsl@gov.mt sabiex jingabar l-imsemmi filmat.

Nhar is-27 ta' Novembru 2023 ghall-habta tat-08.00 ircieva zewg filmati fil-handover (il-footage tal-iskola kif ukoll il-footage mill-kunsill lokali) minghand it-taqsima tal-Forensika fejn dawn il-filmati gew mghoddija lilu ghal aktar stharrig.

Nhar l-4 ta' Dicembru 2023 ghall-habta tas-06.15am ra dan il-filmat fejn gie nnotat fuq dan il-*footage* li CO 663 kien qed jitkellem ma' Massimo Borg fejn mal-hin CO 663 dar mal-vettura ta' Massimo fejn dak il-hin Massimo deher jghaggel il-pass u javvicna lil CO 663 u jimbuttah b'mod aggressiv. Wara CO 663 jidher jigbor xi haga mill-art li setgha kien il-mowbajl tieghu li beda jirreferi hawn fuq.

Nhar l-4 ta' Dicembru 2023 ghall-habta tat-15.00 irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' B'kara l-imputat fejn gie muri l-imsemmi filmat. Nhar it-8 ta' Dicembru 2023 ghall-habta tas-17.38 ircieva telefonata mimn naha tat-taqsima tal-Forensika fejn stqarr li ma kienx gabar il-footage tal-fond 27, Triq Brared, B'kara u ma kienx hemm ghalfejn jigbru filmat iehor.

Rat ix-xhieda ta' **Matthew Micallef** moghtija nhar it-13 ta' Frar 2024 fejn stqarr li nhar is-6 ta' Novembru 2023 ghall-habta tat-08.15a.m kien qieghed ghassa ma ta' l-iskola gewwa Triq Brared, B'kara. Kien maqtugh mill-ispettura tieghu sabiex ma jkunx

hemm incident. Wasal l-imputat li gharaf prezenti fl-awla, bil-karozza bluna tal-ghamla Toyota biex javvicina t-tfal tieghu gewwa l-iskola. Innota li kellu l-mirja tal-gnub li kienu neqsin u gibidlu l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas flok ma hariglu multa. Qallu biex ma jsuqx il-vettura minghajr *side mirrors* ghax hija perikoluza. Qal li l-vettura kienet imreghda u li ma kellux isuqha minhabba t-tfal u wisq inqas hdejn skola fejn ikun hemm it-tfal. Dan tefa' il-karozza fin-nofs tat-triq minn fejn jghaddi il-*busses* u l-*coaches* u qallu biex ma idumlux hemm. Qallu li kien ser iwassal lif-tfal l-iskola u li kien hu biss li kellmu fuq il-mirja. Qallu li kien dardira. Mar biex jirranga karozzi ohrajn li kien hemm fil-vicin bit-tfal u hareg l-Icon tieghu biex jirranga xi noti li kellu dwar citazzjonijiet li kien hareg qabel. L-imputat staqsih jekk kienx ser iharrku u dan wiegbu li kien ikun fi dmiru li kieku harrku izda kien kelmu bil-kelma t-tajba u ma harkux.

Qal li l-imputat beda jitkellem bi kliem oxen b'Alla u bil-Madonna. Beda jsiktu milli jitkellem hazin. Il-genituri u l-istaff bdew isiktuh milli jidghi u jitkellem kliem oxxen fejn kien hemm it-tfal u qalb in-nies. Dak il-hin l-imputat avvicinah u qallu li kien ser icempel lill-pulizija u beda jitkellem oxxen bil-Madonna u b'Alla u avvicinah u qallu li seta' jcempel lill-pulizija ghaliex huwa maghhom ikun jittowja. Qallu li mill-pulizija u mill-Qorti ma kienx ser jibza'. Tghajjarlu l-mowbajl minn idu meta beda jcempel 112. Cemplu ukoll il-genituri tal-madwar. L-imputat mar jimbuttah, dahhal rasu u imbuttah. Il-mowbajl kissirulu. Qallu *'insibek zgur Alla qalli ha inpattihilek. Qalli infottilek xoghlok u beda jghidli f…… kemm ghandi.'*

Wara li mbuttah cempel lill-pulizija u gew tal-RIU u mar l-ghassa jghamillu rapport. Jghid li iktar ma beda jsiktu iktar ma beda jghajjat quddim il-genituri tat-tfal li kienu hemm. Qal li bl-agir tieghu l-imputat telfu milli jghamel xoghlu. Jghid li it-triq kienet mimlija nies. Kien hin tal-iskola.

Illi din ix-xhieda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma gietx kontestata mid-difiza. Jidher car li l-kwerelant kien konsitenti fil-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu *a tempo vergine* meta ghamel ir-rapport tieghu kif rapportat fl-okkorenza u kif intqal mix-xhud CO 663 meta xehed fuq dak li ghadda minnu. Il-verzjoni kienet wahda u cioe li huwa mar ikellem lill-appellant ghaliiex kien qed isuq karozza bla mirja u dan

hadu bil-herra. In oltre l-appellant gie mitlub biex iressaq il-karozza tieghu u minflok l-appellant beda jidghi jitkellem hazin u jghid kliem oxxen fil-pubbliku meta fl-akwati kien hemm hafna nies bit-tfal tal-iskola. Minkejja li din il-Qorti qed tiskarta l-footage xorta tasal biex temmen ix-xhieda moghtija minn CO 663 dwar dak li sehh nhar is-6 ta' Novembru 2023 gewwa Triq Brared, B'kara. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mid-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti li temmen ix-xhud CO663 u ghalhekk l-akkuzi jirrizultaw provati fl-intier tgahhom kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

L-appellant jilmenta ukoll mill-piena imposta. Din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal fis-entenza ta' Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena.

Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubbika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti: -

*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant qabad u ghal xejn b'xejn rresista ufficjal tal-komunita CO 663 Matthew Micallef u imbuttah u kissirlu l-mowbajl tieghu waqt li kien qed jaqdi id-dmir tieghu. Qal kliem oxen u li kiser il-paci pubblika bl-agir inaspettat tieghu. Ta' dan naturalment l-appellant irid jwiegeb. Il-Qorti rat il-piena imposta mill-ewwel Qorti u cioe li kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' erbat elef euro (€4,000). Illi tali piena taqa' fil-

parametri tal-ligi u ma jirrizultax li hemm xi raguni partikolari il ghala ghandha tiddipartixxi minn tali piena.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tiddikjara li qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Qeda ukoll tikkonferma l-hrug ta' garanzija mill-appellant a favur Matthew Micallef taht garanzija personali ta' elfejn euro li ma jdejjaqx, u ma jingurjax lil istess Matthew Micallef ghal perijodu ta' sena mil-llum.

Ai terminu tal-artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tawtorizza lill-appellant ihallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' €112 sabiex b'hekk il-mullta inflitta tithallas fi zmien tlett snin mill illum.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**